MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 409/2005

**BIM Limited**

**vs**

**Peninsula Investments Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 ta' Lulju tas-sena 2005 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u erbgha u erbghin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu, (LM1,644.26,0), rapprezentanti prezz ta' xoghol u materjal mahdum, mibjugh u kkonsenjat lill-imsemmija socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess;

2. Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ konvenuta, nkluz l-ittra ufficcjali ta’ April ta’ l-1999, u l-ohra ta’ l-20 ta’ Dicembru tas-sena 2002 u bl-imghax mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-8 ta’ Novembru tas-sena 2005 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet is-segwenti;

1. Illi l-azzjoni hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2149 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta datata s-7 ta’ Frar tas-sena 2006 u n-nota ta’ sottomissjonijiet ulterjuri datata l-31 ta’ Awissu tas-sena 2006;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti nkluzi n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi hu pacifiku, kif jirrizulta mill-avviz promotur u mill-ewwel ittra ufficcjali prezentata li x-xoghlijiet in dizamina saru qabel April ta’ l-1999, (ara l-avviz promotur a fol 1 u l-ittra ufficcjali a fol 20);

2. Illi jirrizulta li t-tieni ittra ufficcjali pprezentata fir-rigward hi datata l-20 ta’ Dicembru tas-sena 2002, (ara fol 22);

3. Illi mid-data ndikata fil-paragrafu precedenti sad-data ta’ l-avviz promotur fuq indikata ma sar xejn mis-socjeta’ attrici;

Ikkunsidrat:

Rat l-artikolu 2149 (a) tal-Kap 16 li jistipula l-limitu ta’ sentejn (2) preskrizzjoni fuq l-inattivita’ hemm kontemplata;

Stante li fil-vertenza odjerna it-talba tikkoncerna “xoghlijiet ta’ gebel jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghal materjal li jfornu” tinkwadra ruhha f’dan l-artikolu msemmi fil-paragrafu precedenti;

Peress li jirrizulta li mill-20 ta’ Dicembru tas-sena 2002 sat-8 ta’ Lulju tas-sena 2005 ghadda perjodu ta’ aktar minn sentejn - allura t-talba attrici tirrizulta preskritta;

Tiddikjara ghalhekk li t-talbiet attrici huma preskritti u filwaqt li tikkundanna lis-socjeta’ attrici ghall-ispejjez, inkluzi dawk kollha precedentement inkorsi, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-procedura odjerna.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------